**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' April, 2025**

**Talba Nru: 226/2024MD**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Karl Martin Galea (K.I. 309573M), sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess Karl Martin Galea (K.I. 309573M)**

**Vs**

**Joseph Navarro (K.I. 426598M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-21 ta' Awissu, 2024[1] permezz ta' liema l-atturi talbu li l-konvenut iħallas is-somma ta' elf, erba' mija, dsatax-il Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżimu (€1,419.53) rappreżentanti danni sofferti mir-rikorrent konsegwenza tal-inċident li seħħ fl-24 ta' Settembru, 2022 ġewwa San Ġiljan, meta waqgħet barrikata għal fuq il-vettura bin-numru KMG 773 proprjeta' ta' Karl Martin Galea u assikurata ma' Atlas Insurance PCC Limited, waqt li din kienet qed tinstaq fl-istess triq, u dan *stante* illi l-istess inċident seħħ b'tort tal-konvenut, minħabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u/jew tal-obbligi legali tiegħu; bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali 166A tad-19 ta' Ottubru, 2023, u bl-imgħax legali mid-data mid-19 ta' Ottubru, 2023 sad-data tal-pagament effettiv.

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

Ra li fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2024[2] it-Tribunal ikkonċeda lil konvenut żmien sabiex jippreżenta risposta u l-konvenut naqas li jagħmel dan.

Sema lil **Christine Azzopardi**[3] li ddikjarat li taħdem fil-*Motor Claims Department* mas-soċjeta' attriċi li kkonfermat li min-naħa tagħhom ħallsu l-ammont reklamat rappreżentanti tiswijiet tal-vettura tal-klijent tagħhom li qiegħed assikurat *fully comprehensive* u ppreżentat il-polza u l-fatturi tat-tiswijiet li saru[4]. Iddikjarat ulerjorment li ma rċivew l-ebda pagament mingħand l-konvenut.

Sema lil **Karl Galea**[5] li ddikjara li hu jsuq vettura Volkswagon Tiguan bin-numru ta' reġistrazzjoni KMG 773 u kif kien għaddej minn Mrabat, tiela lejn San Ġwann, kien hemm bieb ta' garaxx fuq in-naħa tax-xellug li kien qed jgħatti entratura u kif għadda waqa' u laqgħatlu l-*mudguard* ta' quddiem u affarijiet oħra. Dak il-ħin bil-qata' lewa fuq in-naħa l-oħra, mar *wrong side* għalkemm ma tantx hemm xi wisa' kbira u għamel danni fuq in-naħa l-oħra ta' fuq in-naħa tax-xufier ukoll. Nieżel sabiex jistabilixxi min kien responsabbli, u wara ftit mar Joseph Navarro fejn qallu li hu kien responsabbli. Huwa għamel rapport mal-Pulizija wkoll[6]. L-assikurazzjoni attriċi lilu ħallsitu**.**

Ra li fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2025[7], it-Tribunal ikkonċeda lil-konvenut sabiex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet u l-konvenut naqas li jagħmel dan.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ikkunsidra li l-attur sofra danni fuq il-vettura tiegħu fl-24 ta' Settembru, 2022 ġewwa San Ġiljan meta waqa bieb fuq il-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni KMG 773 għal-liema inċident kien responsabbli l-konvenut. Mix-xhieda prodotta jirriżulta li saru t-tiswijiet fuq il-vettura, liema ħsara ġiet imħallsa mis-soċjeta' attriċi u li s-somma reklamata għadha dovuta mill-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' elf, erba' mija, dsatax-il Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżimu (€1,419.53), bl-imgħax dekorribbli mid-19 ta' Ottubru, 2023[8] sad-data tal-pagament effettiv.

---

[2] A fol 20 tal-proċess
[3] A fol 21a et seq, xhieda datata 28 ta' Jannar, 2025
[4] A fol 22 et seq tal-proċess
[5] A fol 37 et seq tal-proċess, xhieda datata 18 ta' Marzu, 2025
[6] A fol 4 et seq tal-proċess
[7] A fol 36 tal-proċess
[8] Skont it-talba

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali 166A datata 19 ta' Ottubru, 2023[9] jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[9] Saret verifika mis-sisema diġitali tal-Qorti